# L-Altar tal-Madonna tas-Sokkors fil-knisja ta' Santu Wistin fil-Belt Valletta



*Mario Fenech*

Fil-Knisja ta' Santu Wistin fil-Belt Valletta wieħed mil-altari l-kbar li hemm fuq kull naħa tan-nofs tal-korsija, huwa ddedikat lil Madonna tas-Sokkors.

F'din il-knisja li hija mmexija mil-patrijiet Agostinjani hemm numru sabieħ t'opri Marjani. Minbarra dan l-altar ral-Madonna hemm ukoll l-altar tal-Madonna taċ-Ċintura, li għandha l-fratellanza tagħha mwaqqfa fuq dan l-altar u l-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura xogħol ta' Karlu Darmanin li saret fis-sena 1861. Din l-istatwa toħroġ fil-purċissjoni li torganizza din l-istess fratellanza.

Fuq l-altar tas- S.S.M.U. Sagrament hemm il-kwadru tal-Lunzjata,fil-waqt li fuq altari oħrajn hemm ukoll is-sotto kwadri tal-Madonna tal-Bon Kunsill,tal-Madonna tal-Grazzja kif ukoll dak tal-Madonna ma Sant' Antnin.

Nistaw ngħidu li fuq l-altar tal-Madonna tas-Sokkors hemm l-akbar tila f'dak li huwa daqs li fih hemm ix-xbieha tal-Madonna b'dan it-titlu tas-Sokkors fil-gżejjer Maltin.

Il-kwadru fih ġabra sħiħa ta' Qaddisin li għandhom konnessjoni mal-Madonna u li ħadmu matul ħajjithom biex tinxtered id-devozzjoni lejn il-Madonna. Sar mil-artist Ġużeppi Calleja biex permezz tiegħu ma tintesiex l-ewwel knisja li kienu bnew il-patrijiet Agostinjani f'dawn l-inħawi tal-Belt il-ġdida li kienet iddedikata lil Madonna tas-Sokkors.



Dawn kienu għażlu dan it-titlu peress li dak iż-żmien din id-devozzjoni kienet waħda popolari ħafna speċjalment fejn kellhom il-knejjes tagħhom dawn il-patrijiet.

Ġużeppi Calleja kien għex bejn is-sena 1828 u s-sena 1915. Għamel numru kbir ta' xogħlijiet fil-knejjes fost dawn hemm il-kwadru titulari tal-knisja ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Balzan.

Il-kwadru li qegħdin nitkellmu dwaru mhux l-uniku xogħol li għamel għal din il-knisja, għaliex għamel ukoll il-pittura tal-koppla tal-kappella tas-S.S.M.U.Sagrament, l-erba Evanġelisti fil-pendenti tal-koppla u d-disinn tal-arzella tal-kor. Dawn ix-xogħolijiet saru fil-bidu tas-snin sebgħin tas-seklu dsatax.

Fil-kwadru tas-Sokkors ix-xbieha tal-Madonna tingħata importanza kbira mil-artist u narawha bil-qegħda fuq tron magħmul mis-sħab abjad bil-Bambin Ġesu' fuq ħoġorHa, fil-waqt li minn warajHa tidher ħierġa dija ferm sabieħa. Mal-ġnub ta' din ix-xena jidhru numru t'Anġli qegħdin jagħtu Ġieh u Glorja lil Madonna bid-daqq ta' l-istrumenti li huma ta' l-istess epoka li fiha kien sar dan il-kwadru. Fil-parti t'isfel tal-kwadru jidru Qaddisin Agostinjani, wieħed minnhom bil-kappell ta' kardinal u bix-xettru Papali f'idu, flimkien ma żewġ Papiet. Dawn huma San Antninu, San Prospero, San Gelazju, San Guliermu, l-Beatu Agostinu u l-Beatu Eġidju.

L-altar għandu sett gandlieri kbar mill-isbaħ tal-metall arġentat, vintartal ornat bir-rakkmu bil-ħajt tad-deheb, flimkien ma sett karti tal-Glorja tal-fidda waqt il-jiem tal-festa ta' Sant Wistin.

***IL-FESTA T-TAJBA LILL KULĦADD.***